MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 566/2008

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**Vs**

**Leanne Chalbi I.D. 278088(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u disgha u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€429.28), mija u erbgha u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29c), rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 99370582.

Il-konvenuta li minkejja li nterpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u tal-mandat ta' qbid gie pprezentat, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€429.28), mija u erbgha u tmenin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------